31986D0277

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-12 ta' Ġunju 1986
dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar tniġġis ta' l-arja transkonfini f'distanza kbira dwar l-iffinanzjar fit-tul tal-programm ta' koperazzjoni li jimmonitorja u jevalwa t-trasmissjoni f'distanza kbira ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-Ewropa (EMEP)

(86/277/KEE)

THE COUNCIL OF THE EUROPEAN COMMUNITIES,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Billi, bid-Deċiżjoni 81/462/KEE [3], il-Komunità approvat il-Konvenzjoni dwar it-tniġġis ta' l-arja fuq firxa wiesgħa li taqsam il-konfini;

Billi l-programm ta' koperazzjoni biex jimmonitorja u jevalwa t-tixrid fuq firxa wiesgħa ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-Ewropa (EMEP), li għandu jkun implimentat skond il-Konvenzjoni, huwa l-mezz prinċipali biex tinkiseb l-informazzjoni dwar il-kwantitajiet mitfugħa u possibbilment trasmessi minn fruntiera nazzjonali għal oħra;

Billi, fl-24 ta' Mejju 1984, il-Kummissjoni kienet awtorizzata tipparteċipa, f'isem il-Komunità, fin-negozjati dwar il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-finanzjar fit-tul tal-EMEP;

Billi n-negozjati ntlaħqu fl-adozzjoni tat-test finali tal-Protokoll u fid-determinazzjoni ta' formula dwar qsim ta' l-ispejjeż għall-EMEP;

Billi, kif awtorizzata mill-Kunsill fil-25 ta' Settembru 1984, il-Protokoll kien iffirmat mill-Komunità fit-28 ta' Settembru 1984 fit-tieni laqgħa tal-Korp Eżekuttiv tal-Konvenzjoni,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Konvenzjoni ta' l-1979 dwar tniġġis ta' l-arja transkonfini f'distanza kbira dwar l-iffinanzjar fit-tul tal-programm ta' koperazzjoni li jimmonitorja u jevalwa t-trasmissjoni f'distanza kbira ta' sustanzi li jniġġsu l-arja fl-Ewropa (EMEP) huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test ta' dan il-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita l-att ta' approvazzjoni li jipprovdi għalih l-Artikolu 9 tal-Protokoll.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-12 ta' Ġunju 1986.

Għall-Kunsill

Il-President

P. WINSEMIUS

---

[1] ĠU C 321, tat-13.12.1985, pġ. 5.
[2] ĠU C 88, ta' l-14.4.1986, pġ. 109.
[3] ĠU L 171, tas-27.6.1981, pġ. 11.